Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,512, 26 ta' Settembru, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXI tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

ACT No. XXXI of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap. 452.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

26 ta’ Settembru, 2025

ATT Nru XXXI tal-2025

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Kap. 452.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Ottubru 2025.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali minnufih wara t-tifsira "assoċjazzjoni ta’ prinċipali" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""ċittadin ta’ pajjiż terz" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;".

Kap. 217.

A 680

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

3. Fil-proviso għas-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali l-kliem "impjegat interessat." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "impjegat interessat:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud l-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll kwalunkwe pagi miksuba minn jew pagabbli lil ċittadin ta' pajjiż terz għandhom jitħallsu esklussivament permezz ta' trasferiment bankarju f'kont miżmum f'isem l-impjegat jew permezz ta' trasferiment elettroniku ffaċilitat minn istituzzjoni finanzjarja akkreditata u liċenzjata. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li l-impjieg tagħhom jibda fl-1 ta' Ottubru 2025 jew sussegwentement.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 379 tal-24 ta' Settembru, 2025.

DAVID AGIUS
Deputy Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati